MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tad-29 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 950/2012

**Mario u Mary Doris konjugi Sammut**

**Vs**

**Joseph Camilleri**

Permezz ta' rikors prezentat fl-20 ta' Settembru 2012, l-atturi ppremettew u talbu:-

*1. Illi, fil-22 ta' Settembru 2010 sehh incident f'sit gewwa r-Rabat, meta l-esponent Mario Sammut, impjegat tal-intimat, kien qed jaghmel xoghol fuq inkarigu tal-istess intimat [Dok. A];*

*2. Illi, bhala konsegwenza ta' dan l-incident, l-esponent Mario Sammut garrab griehi gravi u debilitanti fil-persuna tieghu [Dok. B u C], u ghaldaqstant sofra danni, kemm damnum emergens kif ukoll lucrum cessans, kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*3. Illi ghall-incident u konsegwenzjali danni kienet jahti unikament l-intimat ghaliex, ghad li b'effett tal-Art. 9 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta, id-disposizzjonijiet tal-Kap. 424 tal-Ligijiet ta' Malta u tar-regolamenti vigenti bis-sahha tal-istess Kap. 424 jaghmlu parti mill-kondizzjonijiet tal-impieg tal-esponent Mario Sammut, l-intimat, fil-vesti tieghu ta' employer tal-esponent naqas milli jizgura s-sahha u s-sigruta' tieghu waqt il-qadi ta' dmirijietu, bi ksur tal-Art. 6 tal-Kap. 424 u tad-disposizzjonijiet tal-Avvizz Legali 36 tal-2003. Ghaldaqstant, l-intimat irid jaghmel tajjeb ghad-danni versu l-esponent;*

*4. Illi ghall-incident u konsegwenzjali danni kien jahti wkoll l-intimat minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti a tenur tal-Art. 1031 u Art. 1032(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*5. Minkejja li l-intimat kien interpellat sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni subiti mill-esponent, huwa baqghet inadempjenti.*

Għaldaqstant, l-atturi jitolbu għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

*1. Tiddikjara l-intimat unikament responsabbli ghall-incident fuq deskritt u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza tal-istess garrab ir-rikorrent Mario Sammut;*

*2. Tillikwida d-danni kollha tar-rikorrenti, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;*

*3. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti dak l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut lilu in linea ta' danni.*

*Bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra l-intimat, li huwa ngunt ghas-subizzjoni.*

Permezz ta' risposta prezentata fit-23 ta' Novembru 2012, il-konvenut wiegeb:-

*1. Illi huwa ma huwa b'ebda mod responsabbli ghall-incident li sehh u li huwa mertu tal-kawza fl-ismijiet hawn fuq premessi u l-istess incident sehh unikament minhabba agir negligent u traskurat da parti tar-rikorrenti Mario Sammut;*

*2. Illi konsegwentement l-eccipjenti ma ghandux ikun ikkundannat ihallas ebda danni stante' li huwa ma huwiex responsabbli ghad-danni allegatament sofferti;*

*3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, irid jigi ppruvat li effettivament l-attur sofra danni u jigi stabbilit bl-opera ta' periti nominandi l-persentagg ta' dizabilita;*

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**.

L-atturi qeghdin jitolbu hlas ta' danni wara incident li sehh fit-22 ta' Settembru 2010. L-attur kien impjegat mal-konvenut u dakinhar kien qieghed jahdem f'garaxx meta waqa' minn fuq sellum u wegga'.

Ghal dak li jirrigwarda ta' kif sehh l-incident, il-provi huma:-

i. Fl-affidavit l-attur qal:-

> *"Is-sellum kien sellum komuni tal-aluminium, ma fihx iktar minn seba' targiet. Is-sellum kien tal-imghallem. Dan is-sellum kien jinfetah forci bis-skaluni fuq naha u naha l-ohra minghajr skaluni. Is-sellum ma kien fih ebda support iehor. Jiena lestejt mix-xoghol u kont niezel minn fuq is-sellum. Hadd ma kien qed izomm is-sellum.* ***Jien u niezel, mat-tielet***

***jew ir-raba' skaluna s-sellum waqa' lura, jigifieri mal-genb tas-sellum** u jiena sibt ruhi mal-art bil-qasba ta' sieqi tal-lemin miksura"* (fol. 25).

Fir-rapport li l-attur ghamel lill-awtoritajiet, datat 22 ta' Settembru 2010 (fol. 4-6), fil-parti *"X'kien il-kagun ewlieni li wassal biex korrejt?"* wiegeb: *"Waqajt minn fuq sellum"*.

ii. Fir-rapport mediku ta' Mr Carmel Grixti[1] jinghad li kien semgha lill-attur bil-gurament u qallu li:

*"…. Kien qieghed fuq ir-raba' skala tas-sellum **meta l-istess sellum inqaleb lagenba**. Is-sellum kien forci"* (fol. 59).

iii. Clifford Cipriott li kien kollega tal-attur qal li dakinhar kien qieghed jahdem fl-istess post u:

- Kienu qeghdin jahdmu fuq id-dawl;
- Kellhom jaghmlu xoghol ftit fl-gholi ghalkemm mhux wisq ghaliex *"..kwazi konna nlehhqu"*. Zied li s-sellum kienu juzawh hu u l-attur, *"…. li dan biex ilahhaq, forsi jitla' zewg skaluni kollox"*.
- Ma rax lill-attur jaqa'. Semgha hoss u kif dahal fil-garaxx sab lill-attur mal-art;
- L-attur ma qalilhomx minn fejn kien waqa';
- Kellhom sellum forci u ma kienx difettuz, u baqghu jahdmu bih;
- Meta dahal lura fil-garaxx sab is-sellum mal-art;

Il-principji li japplikaw f'kawzi ta' din ix-xorta huma:-

- Hu l-obbligu tal-principal li jipprovdi lill-impjegat post sigur fejn jahdem;
- Il-principal ghandu wkoll jissorvelja l-post fejn ikun ser isir ix-xoghol sabiex jizgura li ma jkunx hemm perikli li jesponu lill-impjegat ghall-incidenti. Fejn jigu identifikati perikli ghandu jiehu l-mizuri biex jitnehhew;
- Il-principal ghandu jizgura li l-impjegat jaf x'inhuma l-perikli u l-prekawzjonijiet li jrid jiehu;
- L-impjegat ikun imharreg biex jaghmel ix-xoghol li jintalab jaghmel;

Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza **Francis Buhagiar et vs Segretarju tal-Ufficcju tal-President ta' Malta et** deciza fid-29 ta' Mejju 2009:

[1] Nominat b'digriet tal-21 ta' Ottubru 2013 (fol. 41).

*"Kif tajjeb gie elaborat mill-ewwel Qorti, is-sistema legali taghna dwar responsabbilita` fejn jirrizulta event dannuz hija 'fault-based.' Fi kliem iehor f'kull kaz irid ikun hemm nexus ta' bejn il-kawza u l-effett ghal dak li jkun gara"*.

Il-provi huma skarsi. Hekk per ezempju m'hemmx prova:-

i. tat-tip ta' sellum li kien qieghed jintuza fis-sens jekk kienx sellum *heavy duty* jew tat-tip li nsibu fid-djar;
ii. qabel sehh l-incident, l-attur kemm kien ilu fuq is-sellum;

Hu veru li m'hemmx prova li s-sellum kien difettuz u skond Cipriott baqa' jintuza. Jidher ukoll li waqt li l-attur kien fuq is-sellum kellu f'idejh mazza u skalpell[2].

Min-naha l-ohra m'hemmx prova li:-

i. Il-principal ghamel *risk assessment* biex jigi determinat jekk minhabba n-natura tax-xoghol kienx iktar idoneju li tintuza ghodda li toffri iktar sigurta' lill-impjegat milli jintuza sellum;
ii. L-impjegati kienu nghataw tahrig dwar il-mod kif jintuza sellum. Tahrig li hu essenzjali biex jippermetti lill-impjegat biex jaghraf x'inhuma l-perikli relatati mal-uzu tas-slielem. Is-sigurta' fir-rigward ta' slielem tibda bl-ghazla ta' sellum idoneju ghat-tip ta' xoghol li jkun ser isir, u tinkludi l-ispezzjoni tieghu qabel jintuza, il-mod kif jigi armat, u li wiehed jitla' u jinzel minn fuqu kif suppost, u wkoll kif joqghod fuqu;

Provi li ma tressqux u li kellhom isiru mill-konvenut[3]. Sfortunatament ghad hawn min ihaddem li ma jatix importanza lit-tahrig. Nuqqas li fih innifsu hu kontra l-ligi[4] u hafna drabi jwassal ghall-incidenti li jistghu jigu evitati. Il-haddiema ghandhom id-dritt li jkunu jafu bil-perikli potenzjali li ghalihom jistghu jigu esposti fil-post tax-xogol. Il-mod primarju kif jistghu jsiru jafu b'dawn il-perikli hu proprju bit-taghrif li ghandhom jinghataw sabiex jipprotegu s-sahha u s-sigurta taghhom, fosthom bil-mod kif juzaw l-ghodda u makkinarju. Il-principal jista' jaghmel dan b'diversi modi, bhal li tinghata informazzjoni dwar il-perikli fix-xoghol li jaghmlu, tahrig biex jahdmu b'mod li jipprotegu s-sahha u s-sigurta taghhom u tal-kollegi taghhom kif ukoll b'supervizjoni maghmula minn persuni kompetenti. Il-*modus operandi* tal-konvenut juri wkoll nuqqasijiet. Hekk per ezempju rrizulta kif il-konvenut lanqas ma rraporta

---

[2] Ara rapport tal-korriment a fol. 5.

[3] Wara li l-qorti ddikjarat maghluq l-istadju tal-provi (seduta tat-28 ta' Novembru 2014), il-konvenut ipprezenta rikors fejn talab lill-qorti tippermettilu jressaq il-provi tieghu. B'digriet tat-30 ta' Jannar 2015 il-qorti cahdet it-talba.

[4] Ara regolament 14 tal-Ligi Sussidjarja 424.18, *General Provisions for Health & Safety at Work Places*.

l-incident lill-Awtorita ghas-Sahha u s-Sigurta' Fuq il-Post tax-Xoghol[5] (ara deposizzjoni ta' David Saliba fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2013[6]).

Mill-provi rrizulta li l-attur kien ilu mill-24 ta' Novembru 2008 jahdem mal-konvenut. Il-probabilita' hi s-sellum kien juzah kemm-il darba waqt il-qadi ta' dmirijietu. Mill-ftit provi li tressqu l-qorti tikkonkludi li kien hemm certu nuqqas ta' attenzjoni min-naha tal-attur. Qieghed jinghad hekk meta tqies li fir-rapport mediku jinghad li l-attur irrakkonta li s-sellum kien inqaleb ghal gemb. Indikazzjoni li ghamel xi moviment mhux tas-soltu gialadarba m'hemmx prova li s-sellum kien difettuz[7] jew li kien hemm xi nuqqas iehor li wassal biex jinqaleb is-sellum. Ghalhekk il-qorti ser tattribwixxi 20% tal-htija lill-attur. L-impjegat irid jiehu kura tieghu nnifsu. Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-atturi ghamlu riferenza ghal fatt li hadd ma kien qieghed izomm is-sellum waqt li l-attur kien fuqu. Pero' dan kien fatt maghruf ghall-attur u xorta tela' fuqu. Il-qorti lanqas ma tara li rrizultaw xi fatti li jiggustifikaw li jkun hemm terza persuna zzomm is-sellum waqt li l-attur kien fuqu.

Ghal dak li jirrigwarda d-danni:-

(a) hemm is-somma ta' mija u sittin ewro **(€160)** hlas li sar lil Mr Frederick Zammit Maempel li hejja rapport *ex parte*[8].
(b) irrizulta li l-attur twieled fis-17 ta' April 1955 (fol. 50). Ghalhekk fid-data tal-incident kellu 55 sena. Skond ir-rapport tal-perit mediku l-attur qieghed ibati minn debilita' permanenti ta' 8%[9]. Jirrizulta li s-salarju tal-attur kien ta' €211.60 fil-gimgha (fol. 32). Ghalhekk f'sena kellu qliegh ta' hdax-il elf u tlett ewro (€11,003)[10]. Ghaldaqstant qeghdin jigu likwidati wkoll dawn id-danni:-

    €11,003.2 x 6 snin[11] = €66,019.2 x 8% = €5,281.54 – 16%[12] = **€4,436.50**

[5] Ara regolament 22 tal-Ligi Sussidjarja 424.09, *Work Places (Health, Safety and Welfare) Regulations*.
[6] Fol. 40A.
[7] Ix-xhud Cipriott qal: *"Dan is-sellum ma kellu l-ebda difett. Bqajna nahdmu bih"* (fol. 34B).
[8] Kopja ricevuti a fol. 53.
[9] *"Il-moviment fl-ghakset is-sieq il-leminija huwa limitat. Sammut ser isib diffikulta' meta jimxi fuq art irregolari minhabba l-limitazzjoni fis-subtalar joints. Dan jista' jikkawza wgiegh. Maz-zmien Sammut jista' jizviluppa artrite fl-ghakset is-sieq il-leminija minhabba l-hsara li sar fil-gok. Jista' jsib diffikulta tiela' u niezel it-tarag jew xi sellum"* (fol. 63).
[10] Fol. 32.
[11] Multiplier.
[12] Ghalkemm l-incident sehh fit-22 ta' Settembru 2010, l-atturi ipprezentaw il-kawza fl-20 ta' Settembru 2012. L-ewwel smiegh kien fis-27 ta' Novembru 2012 u fis-seduta tal-11 ta' April 2014 instema' l-ahhar xhud tal-atturi u ddikjaraw li m'ghandhomx iktar provi. Ghalhekk ser jitnaqqas 16% ghal *lump sum payment*.

Total ta’ **erbat elef hames mija u sitta u disghin ewro u hamsin centezmu (€4,596.50)**.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talbiet tal-atturi b’dan li 20% tar-responsabbilta hi tal-attur u ghalhekk:-**

1. **Tillikwida d-danni fis-somma ta’ tlett elef sitt mija u seba’ u sebghin ewro u ghoxrin centezmu (€3,677.20).**
2. **Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ tlett elef sitt mija u seba’ u sebghin ewro u ghoxrin centezmu (€3,677.20).**

**Spejjez jinqasmu in kwantu ghal 20% a karigu tal-atturi u 80% a karigu tal-konvenut**.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------